# IT-TIENI PILASTRU TAL-PAK: IL-POLITIKA TAL-IŻVILUPP RURALI

Bħala t-tieni pilastru tal-politika agrikola komuni (PAK), il-politika tal-iżvilupp rurali tal-UE hija maħsuba biex tappoġġa ż-żoni rurali tal-Unjoni u tegħleb il-firxa wiesgħa ta' sfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjetali tas-seklu 21. Livell ogħla ta' flessibbiltà (b'paragun mal-ewwel pilastru) jippermetti lill-awtoritajiet reġjonali, nazzjonali u lokali li jifformulaw il-programmi individwali tagħhom ta' seba' snin għall-iżvilupp rurali bbażati fuq "menu ta' miżuri". Għall-kuntrarju tal-ewwel pilastru, li huwa kompletament iffinanzjat mill-UE, il-programmi tat-tieni pilastru huma kofinanzjati mill-fondi tal-UE u mill-fondi reġjonali jew nazzjonali.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— L-Artikoli 38 sa 44 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

— Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013) (dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej)

— Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013) (appoġġ għall-iżvilupp rurali);

— Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013) (il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni);

— Ir-Regolament Omnibus (Regolament (UE) 2017/2393; ĠU L 350, 29.12.2017, p. 15) (li jintroduċi bidliet lir-Regolamenti Nri 1305/2013 u 1306/2013).

## IL-MISSJONI U L-PRIJORITAJIET

Il-politika tal-Unjoni Ewropea favur l-iżvilupp rurali ġiet introdotta bħala t-tieni pilastru tal-PAK matul ir-riforma magħrufa bħala "tal-Aġenda 2000". Hija kofinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-fondi reġjonali jew nazzjonali.

L-iskop tal-FAEŻR huwa li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 (l-Istrateġija tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi) billi jippromwovi l-iżvilupp rurali sostenibbli fit-territorji rurali.

Il-Kummissjoni stabbilixxiet tliet prijoritajiet ġenerali għall-politika tal-iżvilupp rurali:

1. Trawwem il-kompetittività agrikola;
2. Tiżgura l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni favur il-klima;

3. Tikseb żvilupp territorjali bilanċjat ta' ekonomiji u komunitajiet rurali inklużi l-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi.

Dawk l-objettivi ewlenin isarrfu f'dawn is-sitt prijoritajiet tal-UE li ġejjin għall-politika tal-iżvilupp rurali:

1. It-trawwim tat-trasferiment tal-għarfien fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni r-rurali;
2. It-titjib tal-kompetittività tat-tipi kollha ta' agrikoltura u t-titjib tal-vijabbiltà tal-impriżi agrikoli;
3. Il-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina alimentari u l-ġestjoni ta' riskju fl-agrikoltura;
4. L-irkupru, il-preservazzjoni u t-titjib tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija;
5. Il-promozzjoni tal-effikaċja tar-riżorsi u l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għat-tibdil fil-klima fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija;
6. Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali.

Il-politika tal-iżvilupp rurali hija żviluppata permezz ta' programmi tal-iżvilupp rurali mfassla mill-Istati Membri (jew ir-reġjuni tagħhom). Dawn il-programmi pluriennali japplikaw strateġija personalizzata li tissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri (jew reġjuni) u tirrilata ma' mill-inqas erba' mis-sitt prijoritajiet imsemmija hawn fuq. Il-programmi huma bbażati fuq kombinament ta' miżuri magħżula minn "menu" ta' miżuri Ewropej, iddettaljati fir-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali (Regolament (UE) Nru 1305/2013) u kofinanzjati mill-FAEŻR (ara d-dettalji hawn taħt). Ir-rati ta' kofinanzjament ivarjaw skont ir-reġjuni u l-miżuri kkonċernati. Il-programmi, li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni Ewropea, iridu jinkludu pjan ta' finanzjament u sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri stabbilixxu sistema konġunta għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politika tal-iżvilupp rurali. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali (2014 sa 2020), l-enfasi kienet fuq il-koordinazzjoni bejn il-FAEŻR u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej l-oħra ("FSIE"), jiġifieri: il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni (il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE)) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

## IL-MIŻURI TAL-"MENU EWROPEW"

Il-miżuri li l-Istati Membri jridu jinkludu fil-programmi tagħhom ikopru dawn l-oqsma li ġejjin:

— trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni (taħriġ vokazzjonali, azzjonijiet ta' informazzjoni, eċċ.);

— servizzi konsultattivi, ġestjoni tal-azjendi agrikoli u servizzi ta' skambju tal-azjendi agrikoli;

- sistemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (parteċipazzjonijiet ġodda tal-bdiewa f'sistemi tal-kwalità);
- investimenti f'assi fiżiċi (l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, l-infrastruttura, it-titjib tal-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli, eċċ.);
- l-irkupru tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritlu ħsara b'diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni adatti;
- l-iżvilupp tal-azjendi agrikoli u tan-negozji (għajnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażagħ, attivitajiet mhux agrikoli fiż-żoni rurali, eċċ.);
- servizzi bażiċi u tiġdid ta' villaġġi fiż-żoni rurali (broadband, attivitajiet kulturali, faċilitajiet tat-turiżmu, eċċ.);
- L-investiment fl-iżvilupp tal-foresti u t-titjib tal-vijabbiltà tagħhom (l-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar; l-istabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija, il-prevenzjoni u r-rimedju ta' ħsara fil-foresti kkawżata minn nirien tal-foresti, diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi, inklużi l-infestazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara u ta' mard kif ukoll it-theddidiet marbuta mal-klima; investimenti li jtejbu r-reżistenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi forestali kif ukoll il-potenzjal ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; investimenti f'teknoloġiji tal-forestrija u fl-ipproċessar, il-mobilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-forestrija);
- l-istabbiliment ta' gruppi u organizzazzjonijiet tal-produtturi;
- iż-żamma ta' prattiki agrikoli li jagħtu kontribut pożittiv lill-ambjent u l-klima u jinkoraġġixxu l-bidliet meħtieġa f'dan ir-rigward (miżuri "agroambjentali u klimatiċi"). Dawn il-miżuri għandhom ikunu inklużi fil-programmi għall-iżvilupp rurali. L-impenji jridu jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji;
- sussidji għall-biedja organika (pagamenti għall-konverżjoni jew ta' appoġġ);
- pagamenti marbuta ma' Natura 2000 u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma;
- pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew limitazzjonijiet speċifiċi oħra;
- pagamenti għall-benesseri tal-annimali;
- pagamenti għal servizzi forestali, ambjentali u klimatiċi b'rabta mal-foresti u l-konservazzjoni tal-foresti;
- l-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni bejn l-atturi tas-setturi agrikoli u forestali u tal-katina tal-ikel (il-ħolqien ta' raggruppamenti u netwerks, gruppi operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Produttività u s-Sostenibbiltà fil-Qasam Agrikolu (SEI).
- "Sett ta' għodod ta' ġestjoni tar-riskju": l-assigurazzjoni fuq il-prodotti tar-raba', l-annimali u l-pjanti; fond mutwu għal avvenimenti klimatiċi negattivi, mard tal-annimali u tal-pjanti, infestazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara u inċidenti ambjentali; strument għall-istabilizzazzjoni tad-dħul (fil-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi, li jipprovdu kumpens lill-bdiewa f'każ ta' tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom).

Irid jiġi rrimarkat li r-Regolament Omnibus li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018, għamel bidliet sostanzjali lill-iskema eżistenti tal-ġestjoni tar-riskju. Ir-regolament il-ġdid introduċa għodda ġdida għall-istabbilizzazzjoni speċifika għas-settur li tipprovdi kumpens lill-bdiewa f'każ ta' tnaqqis ferm kbir fl-introjtu tagħhom li jkollu impatt ekonomiku sinifikanti f'żoni rurali. L-għodda għall-istabbilizzazzjoni speċifika għas-settur tapplika jekk it-tnaqqis fl-introjtu jeċċedi l-20 %. Appoġġ simili għall-kuntratti tal-assigurazzjoni issa huwa disponibbli f'każijiet fejn aktar minn 20 % tal-produzzjoni annwali medja tal-biedwi tkun inqerdet.

Ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali jistabbilixxi approċċ tal-iżvilupp lokali minn isfel għal fuq segwit minn partijiet ikkonċernati lokali (l-approċċ LEADER). Barra minn hekk, il-FAEŻR jiffinanzja netwerk Ewropew għall-iżvilupp rurali (li l-għan tiegħu huwa li jgħaqqad in-netwerks nazzjonali u l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet nazzjonali involuti fl-iżvilupp rurali fl-UE) u n-Netwerk tas-SEI, li jippermetti lill-bdiewa u lir-riċerkaturi li jikkuntattjaw lil xulxin u jiskambjaw l-għarfien. Barra minn hekk, ir-Regolament jipprevedi b'mod espliċitu li l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw sottoprogrammi tematiċi li jikkonċernaw lill-bdiewa żgħażagħ, l-azjendi agrikoli żgħar, iż-żoni muntanjużi, il-ktajjen qosra tal-provvista, in-nisa f'żoni rurali u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-bijodiversità u r-ristrutturar ta' ċerti setturi agrikoli.

## ASPETTI FINANZJARJI

Fi ħdan il-qafas finanzjarju multiannwali 2014-2020, madwar EUR 100 biljun u EUR 61 biljun ta' finanzjament pubbliku mill-Istati Membri ġew allokati għall-iżvilupp rurali. Franza (EUR 11.4 biljun), l-Italja (EUR 10.4 biljun), il-Ġermanja (EUR 9.4 biljun), u l-Polonja (EUR 8.7 biljun) huma l-erba' benefiċjarji ewlenin tal-FAEŻR. Mill-inqas 30 % tal-fondi tal-FAEŻR iridu jkunu allokati għal investimenti fil-qasam tal-ambjent u l-klima, kif ukoll fl-iżvilupp taż-żona tal-foresti u t-titjib tal-vijabbiltà tal-foresti, għall-miżuri "agroambjentali-klimatiċi", il-biedja organika u l-pagamenti taħt Natura 2000. Barra minn hekk, tal-anqas 5 % tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR iridu jiġu ddedikati lill-approċċ LEADER. L-ammonti u r-rati ta' appoġġ huma stipulati fid-dettall fl-Anness II tar-Regolament (pereżempju, l-għajnuna tal-bidu ta' negozju għal bdiewa żgħażagħ tista' tilħaq EUR 70,000, l-ammont ta' għajnuna annwali massimu għal sistemi ta' kwalità huwa ta' EUR 3,000, u għall-biedja organika, jistgħu jingħataw sa EUR 900 fis-sena bħala għajnuna għal għelejjel perenni).

## L-IMPLIMENTAZZJONI

Bejn Diċembru 2014 u Diċembru 2015, il-Kummissjoni approvat il-118-il programm ta' żvilupp rurali kollha li ġew imħejjija mit-28 Stat Membru. Għoxrin Stat Membru għażlu li jimplimentaw programm nazzjonali wieħed, u tmienja għażlu li jużaw aktar minn programm wieħed (biex jirriflettu l-istruttura ġeografika jew amministrattiva tagħhom). L-arranġamenti għall-implimentazzjoni tat-tieni pilastru jvarjaw ħafna minn Stat Membru għall-ieħor, u saħansitra anke f'kull Stat Membru individwali. Id-data preliminari disponibbli turi li ħafna Stati Membri għażlu li jkomplu bil-miżuri eżistenti. It-tliet miżuri l-aktar magħżula mill-menu Ewropew huma l-investimenti f'assi fiżiċi (23 % tan-nefqa totali pubblika), il-miżuri "agroambjentali-klimatiċi" (17 %) u l-

pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra (16 %). L-arranġamenti amministrattivi għall-implimentazzjoni tat-tieni pilastru ta' spiss ġew ikkritikati għaliex huma kumplessi żżejjed. Għalhekk, wieħed mill-objettivi tal-modernizzazzjoni li jmiss tal-PAK wara l-2020 jista' jkun li jsir qbil fuq approċċi aktar sempliċi, li jistgħu jipprovdu responsabbiltà adegwata mingħajr ma jpoġġu piż mhux xieraq fuq l-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' pagament u benefiċjarji.

## RIFORMA TAL-PAK WARA L-2020

Fid-29 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni ġdida dwar il-futur tal-ikel u tal-biedja, li tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fid-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0 dwar l-iżvilupp rurali (diskussjonijiet dwar il-futur tat-tieni pilastru tniedu fil-Konferenza Ewropea li saret f'Cork f'Settembru 2016). Il-komunikazzjoni tpoġġi enfażi fuq l-iżvilupp sostenibbli, il-preservazzjoni tar-riżorsi naturali u l-ħtieġa li jiġi żgurat tiġdid ġenerazzjonali. Rigward dan l-aħħar punt, il-komunikazzjoni tistieden lill-Istati Membri jfasslu programmi li jirriflettu l-ħtiġijiet tal-bdiewa żgħażagħ tagħhom u tipproponi li jiġi simplifikat l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ għall-istrumenti finanzjarji biex jappoġġaw l-investimenti agrikoli u l-kapital operatorju. Finalment, il-komunikazzjoni tistipula sensiela ġdida ta' prijoritajiet, b'enfażi fuq il-ktajjen tal-valur rurali f'oqsma bħall-enerġija nadifa, il-bijoekonomija emerġenti, l-ekonomija ċirkolari u l-ekoturiżmu.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

L-aktar riforma reċenti tal-PAK ġiet adottata għall-ewwel darba skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ("kodeċiżjoni") (ara l-iskeda 3.2.3). Il-Parlament Ewropew wettaq bis-sħiħ ir-rwol tiegħu ta' koleġiżlatur, b'mod partikolari billi kiseb l-istabbiliment tal-limitu minimu għal 30 % tal-fondi tal-FAEŻR li għandhom ikunu allokati għal investimenti fl-azzjonijiet tal-ambjent u l-bidla fil-klima, kif ukoll fl-iżvilupp taż-żona tal-foresti u t-titjib tal-vijabbiltà tal-foresti, għall-miżuri "agroambjentali-klimatiċi", il-biedja organika u l-pagamenti taħt Natura 2000, kif imsemmi hawn fuq. Il-Parlament insista wkoll fuq ir-rata ta' kofinanzjament tal-FAEŻR ta' 85 % fir-reġjuni l-anqas żviluppati, fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew (il-Kunsill oriġinarjament ippropona rata ta' kofinanzjament ta' 75 %). Finalment, l-intervent tal-Parlament żgura li l-ammont massimu għal kull ettaru għal pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra ġie stabbilit għal EUR 450 għal kull ettaru pjuttost milli EUR 300 proposti inizjalment mill-Kummissjoni u appoġġjat mill-Kunsill).

François Nègre
05/2019